# Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum 2004

# RELIĠJON

---

**Kull eżerċizzju għandu għaxar marki.**

**A. Din l-istorja hi dwar l-Epifanija tal-Mulej. Imla l-vojt b'dan il-kliem. Ara l-eżempju.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **merħla** | **familja** | **ragħaj** | **missjunarji** | **kulħadd** | **tliet** |
| **kewkba** | ***~~ewwel~~** | **nsara** | **lvant** | **jadurawh** | |

Fl-***ewwel*** Ħadd tas-sena, nagħmlu l-festa ta' l-Epifanija tal-Mulej. Meta twieled Ġesù, _________________ slaten ġew mil-_________________ biex isibuh u _________________ Huma mxew wara _________________ sa Betlehem.

Din il-festa hi importanti ħafna għax tfakkarna li Ġesù ġie għal _________________. Aħna kollha msejħin biex ningħaqdu mal-_________________ ta' Alla. Illum hawn ħafna nies li qatt ma semgħu b'Ġesù. Il-_________________ huma bħall-kewkba li wasslet lit-tliet slaten għand Ġesù. Meta nġibu ruħna bħala _________________, aħna nkunu wkoll bħal dik il-kewkba. Ġesù jrid li xi darba, il-bnedmin ikunu bħall-______________________ waħda taħt _________________ wieħed.

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-festa ta' l-Għid il-Kbir.**



1. Liema hi l-aktar festa importanti għalina l-insara?

_____________________________________________________

2. X'infakkru f'din il-ġurnata?

_____________________________________________________

3. Għaliex din il-festa hi daqshekk importanti għalina?

_____________________________________________________

4. Kif sellem Ġesù lid-dixxipli f'dak il-jum?

_____________________________________________________

5. Min kienet il-mara li sabet li l-qabar kien vojt?

_______________________________________________

6. Liema appostlu sabha bi tqila biex jemmen li Ġesù kien ħaj?

_______________________________________________

7. Kompli din is-sentenza: "Mulej tiegħi u ______________________."

8. Ikteb **ŻEWĠ** sentenzi biex tiddeskrivi kif il-Knisja tiċċelebra Sibt il-Għid. Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: nar, blandun, magħmudija.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

9. Fil-Kredu nistqarru li nemmnu f'dak li seħħ f'Jum l-Għid il-Kbir. Kompli din is-sentenza mill-Kredu li biha nistqarru dan it-twemmin.

"Fit-tielet jum ______________________________________

_______________________________________________."

## Ċ. Qabbel dawn is-sentenzi dwar il-Quddiesa.
## Ara l-eżempju numru 1.



| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Fil-bidu tal-quddiesa** | | noffru lil Alla l-ħobż u l-inbid. |
| 2. | Il-ktieb li juża l-qassis waqt il-quddiesa | | il-ħobż jinbidel fil-Ġisem ta' Kristu. |
| 3. | Fil-Liturġija tal-Kelma nisimgħu | | ikun meħud mit-Testment il-Qadim. |
| 4. | L-ewwel qari fil-quddies tal-Ħadd | | ngħidu l-Missierna. |
| 5. | Is-Salm responsorjali | | l-qari tal-Kelma ta' Alla mill-Bibbja. |
| 6. | It-tielet qari fil-quddies tal-Ħadd | | nsejħulu Missal. |
| 7. | Fl-Offertorju | **1** | **nitolbu lil Alla jaħfrilna dnubietna.** |
| 8. | Meta l-qassis jgħid "Dan hu Ġismi," | | iberikna fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 9. | Biex titqarben sewwa | | ikun meħud dejjem mill-Vanġelu. |
| 10. | Qabel it-tqarbin | | trid tkun bla dnub mejjet. |
| 11. | Fl-aħħar tal-quddiesa l-qassis | | hu meħud mill-Ktieb tas-Salmi. |

**D. Ikteb żewġ sentenzi dwar x'jiġri fiċ-ċelebrazzjoni ta' kull wieħed minn dawn is-sagramenti.**

1. Il-Magħmudija



2. Il-Griżma ta' l-Isqof



3. L-Ewkaristija



4. Il-Qrar



5. L-Ordni Sagri



## E. Aqra sewwa din l-istorja li kiteb Mark.

L-għalliem tagħna jgħidilna biex ngħinu lil min hu fil-bżonn, speċjalment lix-xjuħ u lill-morda. "Meta ngħinu lill-oħrajn inkunu nsara u ċittadini tajbin," kien jgħid. "Qatt ma tista' tgħid kemm tiswielkom il-karità li tagħmlu," kien jiżgurana.
F'Novembru li għadda ridt nipprova nagħmel li qal l-għalliem. Fi triqti lejn l-iskola, staqsejt lis-sinjura Borg jekk kellhiex bżonn xi għajnuna. "Alla bagħtek", weġbitni. "Mark, tista' jekk jogħġbok iġġibli dawk il-fliexken mill-ixkaffa ta' fuq? Hawn ħa l-banketta. Nibża' li jekk nipprova nġibhom jien żgur li naqa' minn fuq il-banketta."
L-għada erġajt staqsejtha u hi dejjem kellha xi biċċa xogħol għalija. Tant konna nitkellmu! Kellha ħafna stejjer x'tirrakkonta dwar dawk in-nies li kien hemm fir-ritratti qodma kollha fi frejm tal-fidda. Qisu kull ornament li kien iżejjen dik id-dar kellu storja marbuta miegħu, bħal tifkiriet tas-safar jew xi rigal mill-għeżież tagħha. Kellha għal qalbha ħafna statwa tal-Madonna li ġabet minn Lourdes. Fl-aħħar tax-xahar offrietli ħames liri.
Ftit qabel il-Milied, kont qiegħed nikteb xi kartolini lil ħbiebi. Ma kellix f'moħħi li nibgħat waħda lis-sinjura Borg. "M'għandkomx tibgħatu kartolini lil dawk li tiltaqgħu magħhom kuljum," jgħidulna l-iskola. Imma ommi insistiet li għandi nibgħat kartolina kbira lis-sinjura Borg. Jien hekk għamilt.
Għadda l-Milied u waslet il-festa ta' l-Għid, imma l-kartolina tiegħi kienet għada fuq il-komodina tagħha. "Mrs Borg", għedtilha, "il-kartolina tal-Milied għadha fuq il-komodina. Trid inneħħuha?"
"Le ħanini," weġbitni, "Dik kienet l-unika kartolina li rċevejt fl-aħħar Milied!"
Ma nistax infisser x'ħassejt dak il-ħin. Kemm jiswielek li tagħmel karità ma' nies fil-bżonn!

1. L-għalliem x'kien jgħidilhom lit-tfal?

_______________________________________________

2. Għid kif f'Novembru Mark għamel dak li kien jgħidilhom l-għalliem?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex is-sinjura Borg qalet "Alla bagħtek"?

_______________________________________________

4. Kif tista' tgħin lix-xjuħ? Agħti żewġ eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

5. X'għandek tistenna talli tagħmel il-ġid?

_______________________________________________

6. Semmi tliet modi kif Mark għen lis-sinjura Borg.

_______________________________________________

_______________________________________________

7. Kif tista' tgħin tfal b'diżabilità fl-iskola tiegħek? Agħti eżempju wieħed.

_______________________________________________

F. **Ikteb għaxar sentenzi dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta. Uża l-kliem li hemm fil-kaxex.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| tempesta | ħuġġieġa | lifgħa | alla | fidi |
| Publiju | mirakli | tliet xhur | insara | Ruma |



______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________





______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

Ġ **Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



**Ġesù jmut fuq is-salib**

Il-Golgota kienet barra l-ħitan tal-belt. Malli Ġesù wasal hemm, sammruh mas-salib u waqqfu s-salib. Ġesù talab għas-suldati, "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu". Miegħu salbu żewġ ħallelin. Fuq is-salib ta' Ġesù kien hemm miktub hekk, "Ġesù ta' Nażareth, Sultan tal-Lhud".
Ommu Marija baqgħet ħdejn is-salib sa l-aħħar. Ġwanni baqa' ħdejha, jipprova jfarraġha. Ġesù qal lil Ommu, "Hawn hu ibnek". Imbagħad qal lil Gwanni, "Hawn hi ommok". Minn dak in-nhar, Ġwanni ħa ħsieb Marija bħala ommu.
Il-Lhud riedu li Ġesù jmut qabel inżul ix-xemx. Ma xtaqux li jibqgħu iġsma msallbin f'Jum is-Sibt, għax dak is-Sibt kien wieħed speċjali għalihom. Is-suldati qatlu lill-ħallelin billi kissrulhom riġlejhom, imma x'ħin ġew għal Ġesù, kien diġà mejjet. Kien miet fit-tlieta ta' wara nofs inhar. L-aħħar kelmiet tiegħu kienu, " Missier, f'idejk jien nerħi ruħi".

1. Kif miet Ġesù? ______________________________________________
2. X'għallimna Ġesù b'din is-sentenza: "Missier aħfrilhom"?

______________________________________________

3. X’kien hemm miktub fuq is-salib?

_______________________________________________

4. Ġesù kien verament sultan. Meta niċċelebraw il-festa ta’ Kristu Sultan?

_______________________________________________

5. Min kien hemm ħdejn is-salib ta’ Ġesù?

_______________________________________________

6. Għaliex ngħidu li Ġesù tana lil ommu bħala ommna minn fuq is-salib?

_______________________________________________

7. Meta nfakkru l-Passjoni u l-Mewt ta’ Ġesù?

_______________________________________________

8. Għaliex dak is-Sibt kien tant speċjali għal-Lhud?

_______________________________________________

9. X’kienet l-aħħar talba ta’ Ġesù lill-Missier?

_______________________________________________

10. Qabel norqdu għandna nitolbu lil Alla. Ikteb talba biex tirringrazzja lil Alla ta’ dik il-ġurnata.

_______________________________________________

_______________________________________________

## G. Aqra dawn is-sentenzi. Ikteb sentenza ħdejn kull waħda minnhom biex turi x’għandhom jagħmlu dawn it-tfal biex juru li huma nsara tajbin.

Eżempju: Omm John kisret idha. ***<u>John għandu jgħin lil ommu fix-xogħol tad-dar</u>.***

1. Il-ħabib ta’ Tom qiegħed l-isptar. _______________________
2. Ġorġ sab ġiżirana tad-deheb fl-iskola.

_______________________________________________

3. Mary indunat li l-għalliema ma kinetx tiflaħ.

_______________________________________________

4. Il-ħabib ta’ Simon ma jistax jifhem somma tqila.

_______________________________________________

5. Ann indunat li tifla mill-klassi tagħha tgħix fil-faqar.

_______________________________________________

6. Fil-klassi ta' Jane hemm żewġt itfal dejjem jiġġieldu.

_______________________________________________

7. Peter sema’ lil ħabibu jidgħi. _______________________
8. Fil-klassi ta’ Timothy hemm *bully*. _______________________
9. Glenn ra lil ħabibu jitfa’ ġebla lill-kelb tat-triq.

_______________________________________________

10. Alfred ra lil ħabibu jaqta’ l-fjuri minn ġnien pubbliku.

_______________________________________________

## GĦ. Ikteb ħames talbiet biex jintużaw waqt it-Talbiet tal-Fidili fil-quddiesa ta' l-iskola. Ara l-eżempju.

1. Għall-Papa Ġwanni Pawlu. ***Biex hu jmexxi l-Knisja bit-tagħlim u l-eżempju tiegħu.*** Nitolbu.
2. Għall-isqfijiet tagħna Ġużeppi u Nikol ______________________ ______________________. Nitolbu.
3. Għal pajjiżna ______________________ ______________________. Nitolbu.
4. Għall-għalliema u ħbieb tagħna ______________________ ______________________. Nitolbu.
5. Għalina u l-familji tagħna ______________________ ______________________. Nitolbu.
6. Għall-erwieħ tal-mejtin tagħna ______________________ ______________________. Nitolbu.



## H.

1. **Ikteb it-talba tal-Missierna.**

*Missierna li* ______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________ *iżda eħlisna mid-deni, Amen.*

2. **Wieġeb.**

a. Min għallimna din it-talba? ______________________

b. Min hu "Missierna li inti fis-smewwiet"? ______________________

ċ. X'inkunu qegħdin nitolbu meta ngħidu"Ħobżna ta' kuljum agħtina llum"?

______________________

d. Min huma dawk li huma ħatja għalina? ______________________

e. Semmi xi tiġrib jew deni li tixtieq li tkun meħlus jew meħlusa minnu.

______________________

**TMIEM IL-KARTA**